**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

## DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 11/2025

**It-Tlieta 23 ta' Settembru, 2025**

Il-Kunsill Lokali Pembroke Itaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fil-17:30.

**PREŻENTI:**

Av. Kaylon Zammit – Sindku

Adrian Dominic Ellul Grech – Viċi Sindku

Therise Abela – Kunsillier

Carmel Cesare – Kunsillier

Raymond Lanzon – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippresjeda l-laqgħa.

### 11.01 Qari tal-ittri ta' apoloġija.

11.01.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit informa lill-Kunsill li ma kienet waslet ebda talba t'apoloġija u l-membri kollha kienu preżenti.

### 11.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 10/K9/2025.

11.02.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 10/K9/2025 kif ippreżentati.

11.02.2 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

11.02.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

### 11.03 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/6774/25/I** Email mingħand resident fejn qed jagħmel ilment dwar id-dawl tal-floodlights mill-grawnd tal-futbol ta' Swieqi United u talab isir xi ħaġa sabiex jew id-dawl jagħti biss għan-naħa tal-grawnd jew isiru xi tip ta' covers.

**46/6775/25/I** Email li s-Sindku bagħat lir-resident fejn ġie nformat li bħala Kunsill ser niċċekkjaw x'jista' isir.

11.03.1 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/6774/25/I u 46/6775/25/I** fejn fejn saħaq li diġà għamel kuntatt mas-CEO ta' Swieqi United FC, u saħaq li s-CEO, ser ikun qed jesplora miżuri sabiex tkun tista' tiġi mitigata din il-problema. Intant, il-kelliem żied jgħid li ser ikun qed jinforma lill-membri f'każ ta' żvilupp.

**46/6797/25/I** Email mingħand The Energy and Water Agency fejn bagħtu t-tender rivedut tal-photovoltaic system għal fuq il-bejt tal-Kunsill.

11.03.2 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/6797/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova d-dokument kif propost u jipproċedi bil-ħruġ tat-tender.

11.03.3 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

11.03.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6799/25/I**
**46/6934/25/I** Email mingħand LGD dwar talba għal trasferiment ta' vacation leave mis-sena 2025 għal 2026 tas-Segretarju Eżekuttiv.

11.03.5 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/6799/25/I u 46/6934/25/I** fejn irrimarka li minħabba esiġenzi tax-xogħol, is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg, fl-aħħar tas-sena ser ikun għad fadallu

bilanċ ta' VL pendenti u għalhekk ippropona li dan il-bilanċ jiġi mġedded għas-sena li ġejja.

11.03.6 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.03.7 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7024/25/O**
**46/7538/25/O** Email lill-membri tal-Kunsill bl-applikazzjoni PA/05856/25 - 18-28, Triq Gio. Felice Inglott, Pembroke - To demolish existing terraced houses, excavate and construct one basement level -1 for garages & class 4A office, 12 overlying residential units and 3 penthouses at receded level.

11.03.8 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/7024/25/O u 46/7538/25/O** fejn ippropona li wara konsultazzjoni mal-membri, il-Kunsill qed jirratifika li tiddaħħal oġġezzjoni mal-PA minħabba li l-proposta ma tinkludix biżżejjed parkeġġ komparata mal-ammont ta' units li ser jiġu proġettata.

11.03.9 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda u żied li jekk possibbli ssir ukoll oġġezzjoni dwar il-fatt li qed jiġi propost 4a offices.

11.03.10 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7176/25/O** Email lill-membri tal-Kunsill bl-applikzzjoni PA/05977/25 – Triq Sant'Andrija - Placing of billboard.

**46/7177/25/O** Email lill-membri tal-Kunsill fejn b'referenza għal PA/03972/17 - Billboard fi Triq Sant'Andrija ġew infurmata li meta sar l-upgrading ta' Triq Sant'Andrija l-imsemmi billboard mexa u ġie fl-għoli u milli jidher ma kien hemm ebda applikazzjoni u permess għal dan iċ-ċaqlieq u għalhekk, possibilment jinsab mingħajr permess fil-post il-ġdid.

**46/7316/25/I** Email mingħand is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit fejn informa l-Kunsill li dwar PA/03972/17 il-Kunsill għandu jipproċedi b'rapport.

**46/7318/25/I** Email mingħand is-sindku l-Av. Kaylon Zammit fejn b'referenza għal PA/05977/25 il-pożizzjoni tiegħu għandha tibqa' l-istess u għalhekk il-Kunsill għandu joġġezzjona.

11.03.11 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/7176/25/O, 46/7177/25/O, 46/7316/25/I u 46/7318/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill jipproċedi bl-oġġezzjoni kif ukoll li jsir rapport dwar il-billboard li kien kopert bil-PA 03972/17.

11.03.12 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

11.03.13 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7207/25/I** Email mingħand Luxol Sports Club fejn talbu l-permess tal-Kunsill biex jirranġaw il-bankina biex tkun aċċessibbli għall-persuni b'diżabilita'.

**46/7311/25/I** Email mingħand is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit fejn informa l-Kunsill li ma jsibx oġġezzjoni li tiġi rranġata l-bankina kif indikat mill-Luxol Sports Club.

11.03.14 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/7207/25/I u 46/7311/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill jilqa' t-talba sabiex il-klabb jipproċedi bix-xogħol indikat.

11.03.15 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.03.16 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7220/25/I** Email mingħand il-Maltapost għal tqassim ta' fuljett dwar l-attivita' sportiva tal-5 ta' Ottubru 2025.

11.03.17 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/7220/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova din l-istima.

11.03.18 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

11.03.19 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7226/25/I** Email mingħand Best Print għal printing ta' fuljett dwar l-attivita' sportiva tal-5 ta' Ottubru 2025.

**46/7231/25/I** Email mingħand Abbey għal printing ta' fuljett dwar l-attivita' sportiva tal-5 ta' Ottubru 2025.

**46/7247/25/I** Email mingħand Golden Gate għal printing ta' fuljett dwar l-attivita' sportiva tal-5 ta' Ottubru 2025.

**46/7248/25/I** Email mingħand Bonnici Press għal printing ta' fuljett dwar l-attivita' sportiva tal-5 ta' Ottubru 2025.

11.03.20 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/7226/25/I, 46/7231/25/I, 46/7247/25/I u 46/7248/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill jipproċedi bl-irħas talba, hekk skond kif titlob il-proċedura.

11.03.21 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

11.03.22 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7301/25/I** Email mingħand IMU fejn b'referenza għal Explore Malta app informaw lill-Kunsill li hemm xi ritratti u nformazzjoni nieqsa.

**46/7515/25/O** Email lil diversi kumpaniji għal kwotazzjoni għal filmati bi drone u ritratti.

**46/7607/25/I** Kwotazzjoni mingħand is-sur Julian Vella għal filmati bi drone. L-istima tinkludi prezz ta' kull location fil-format *raw (mhux editjat u mingħajr il-viżibilita' tal-Kunsill)*.

**46/7608/25/I** Kwotazzjoni mingħand Aeroctive għal filmati bi drone u ritratti b'diversi options + ħlas addizjonali għal right għall-video u r-ritratti.

**46/7623/25/I** Kwotazzjoni mingħand is-sur Neil Farrugia għall-filmati u ritratti bi drone, inkluż rata fis-siegħa għal xogħol addizzjonali.

11.03.23 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/7301/25/I, 46/7515/25/O, 46/7607/25/I, 46/7608/25/I, u 46/762325/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jingaġġa service provider sabiex ikun jista' jinħoloq dan il-materjal u għalhekk ippropona li tintgħażel l-aktar offerta vantaġġuża biex isir dan ix-xogħol u xogħol ieħor simili li ser ikollu bżonn il-Kunsill matul ix-xhur li ġejja.

11.03.24 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.03.25 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7308/25/I** Email mingħand il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech fejn bagħat it-tabella nformattiva tal-multi.

11.03.26 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/7308/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill jipproċedi b'dawn it-tabelli wara li jsiru l-emendi neċessarja.

11.03.27 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

11.03.28 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7339/25/I** Email mingħand il-Kunsilliera Therise Abela fejn bagħtet 2 proposti - waħda dwar ir-rotta ġdida ta' trasport pubbliku li tkun diretta minn Pembroke lejn il-Belt Valletta u proposta oħra dwar tindif aktar regolari fiż-żoni tal-proġett ta' DB.

11.03.29 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/7339/25/I** fejn informa lill-Kunsill li l-Kunsill diġa kien proattiv fuq l-affari u diġa ħa l-passi sabiex dawn jiġu ndirizzatta. Il-kelliem żied li rigward skeda tat-trasport pubbliku, l-Kunsill m'għandux poteri sabiex dawn jiġu emendati, madanakollu, twassal il-messaġġ kif xieraq għar-residenti, filwaqt li fir-rigward tat-tindif, qed isir, imma hemm lok biex dan jitjieb. Għaldaqstant żied li għandu laqgħa sabiex jiddiskuti dan dirett mal-iżviluppatur, apparti li diġa saret ukoll laqgħa mal-kuntrattur tal-Kunsill, li għaliha kien mistieden il-Kunsill kollu, f'liema laqgħa twassal il-messaġġ li s-servizz irid jitjieb. Il-kelliem ikkonkluda li jidher li hemm interess għal kompromess.

**46/7456/25/I** Email mingħand il-Fakulta tad-Dental u Surgery tal-Universita' ta' Malta fejn talbu jiġu fil-lokal fit-2 ta' Ottubru jew fit-8 ta' Ottubru bil-Mobile Unit fis-7:00am u d-dentisti jibdew jaraw lin-nies bejn it-08:30am sal-11:30. Li jkollhom bżonn erba' parkeġġi u min fejn iqabdu plakka tad-dawl.

11.03.30 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/7456/25/I** fejn ippropona li tintlaqa din it-talba, liema mawra ser issir fit-8 ta' Ottubru 2025 filgħodu.

11.03.31 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

11.03.32 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7497/25/I** Email mingħand Project Green fejn bagħtu kopja ta' Service Agreement tal-Ġnien il-Madonna tal-Vitorja nkluż il-BOQ eċċ sabiex jiġi ffirmat mill-Kunsill Lokali.

11.03.33 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/7497/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill jipproċedi b-iffirmar ta' dan il-ftehim.

11.03.34 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

11.03.35 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7513/25/I** Email mingħand EPIC fejn bagħtu l-kuntratt għall-linja ċellulari li ser tintuża għac-CCTV.

11.03.36 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/7513/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill jilqa' din l-istima.

11.03.37 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.03.38 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7518/25/I** Email mingħand AKL fejn informaw lill-Kunsill li dwar iż-żieda fir-rata tal-librara jekk il-ħlas għadu ma sarx, għalissa għandu jinżamm u ma jsirx.

11.03.39 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/7518/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill jilqa' din it-talba u jimxi skont dak li qed tgħid l-AKL.

11.03.40 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

11.03.41 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7568/25/I** Email mingħand resident fejn bagħat kopja ta' korrispondenza li ntbagħtet lill-Enemalta fejn qed jilmentaw għall-arblu tad-dawl li twaħħal quddiem ir-residenza tagħhom fi Triq Patri Indri Vella.

**46/7581/25/I** Email mingħand il-Kunsillier Raymond Lanzon fejn informa l-Kunsill li ċemplulu l-familja konċernata u talab tkun diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill.

11.03.42 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/7568/25/I u 46/7581/25/I** fejn saħaq li filwaqt li hu minnu li l-Kunsill rċieva ilment minn residenti oħra fil-passat, il-Kunsill gwida lil dawn ir-residenti sabiex jikkuntattjaw lill-Enemalta u dan abbażi tal-ħsara li kienet identifikata. Fil-fatt dawn ir-residenti hekk għamlu u l-Enemalta ħadu l-passi neċessarja. Intant, is-Sindku saħaq li filwaqt li l-arblu nkwistjoni jinsab bejn iż-żewġ propjetajiet, ir-residenti l'ilmentaw dan l-aħħar ġew gwidata sabiex jekk għandhom x'ilment rigward dan, iridu jagħmlu kuntatt mal-Enemalta u skont l-opinjoni tal-Enemalta stess jittieħdu l-passi neċessarja. Sfortunatament, il-Kunsill ma kienx infurmat b'dawn ix-xogħlijiet u dan għax ma jaqgħux taħt ir-responsabiltà' diretta tal-Kunsill.

**46/7577/25/I** Email mingħand PA fejn ikkonfermaw li rċievew ir-rappreżentazzjoni tal-Kunsill għal PA/04878/25 Villa Rosa Complex.

11.03.43 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/7577/25/I** fejn ippropona li din il-pożizzjoni tkun irratifikata.

11.03.44 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

11.03.45 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7611/25/I** Email mingħand Red Bull fejn qed jistaqsu dwar x'hemm bżonn isir biex jagħlaq trejqa fejn il-Padel Village għall-attività li ser issir fit-3 u l-4 ta' Ottubru 2025 bejn is-6.00pm u l-11.00pm.

11.03.46 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/7611/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni suġġett li f'każ t'emerġenza irid ikun hemm aċċess liberu.

11.03.47 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

11.03.48 Il-Kunsill qabel unanimament.

11.03.49 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona li l-Kunsill japplika ma' TM biex issir Un/loading bay fi Triq Madre Margherita de Brincat quddiem il-Maypole, simili għal bħal ma sar tan-1902 fi Triq Arnhem.

11.03.50 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

11.03.51 Il-Kunsill qabel unanimament.

11.03.52 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob il-parir tal-Perit tal-Kunsill dwar il-possibilità li tiġi nstallata mera faċċata ta' Blokk 11 fi Triq Tunis.

11.03.53 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

11.03.54 Il-Kunsill qabel unanimament.

11.03.55 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona li jitqabbad il-Perit tal-Kunsill biex jinbeda l-proċess għall-upgrading tal-picnic/bbq area fi Triq Martin Luther King, faċċata tal-Institutre for Education

11.03.56 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

11.03.57 Il-Kunsill qabel unanimament.

11.03.58 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona li l-Kunsill ikollu Whatsapp chat channel.

11.03.59 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

11.03.60 Il-Kunsill qabel unanimament.

11.03.61 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona li jinġabru stimi għad-dawl dekorattiv tat-toroq għal żmien il-Milied, kif ukoll jibdew jinġabru sponsors għal dan ukoll.

11.03.62 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

11.03.63 Il-Kunsill qabel unanimament.

11.03.64 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona li tinxtara colour laser printer għall-uffiċċju.

11.03.65 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.03.66 Il-Kunsill qabel unanimament.

11.03.67 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit informa lill-Kunsill li għall-Halloween ta' din is-sena, ippropona li din l-attivita' terġa' tiġi organizzata fuq skala raġonevoli u ppropona li din tiġi organizzata fit-trejqa li hemm bejn Triq Giorgio Mitrovich u l-blokki ta' wara l-Judo Federation. Il-kelliem żied li l-amministrazzjoni tal-iskola l-ġdida li ser tiftaħ fl-akwata ser tgħin ukoll fl-organizzazzjoni u ser tkun immirata għat-tfal. Ser ikun hemm entertainment, ikel, xorb, u divertiment ieħor.

11.03.68 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.03.69 Il-Kunsill qabel unanimament.

11.03.70 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg irrakkomanda lill-Kunsill li l-assistent skrivana Tiziana Sammut Salerno tingħata l-increment annwali skond il-ftehim kollettiv.

11.03.71 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona li din ir-rakkomandazzjoni tiġi milqugħa.

11.03.72 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

11.03.73 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11.04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

11.04.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għadda għall-item li kien imiss.

## 11.05 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

11.05.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kienu saru s-segwenti laqgħat:

- **Laqgħa mingħajr pre avviż ma' grupp ta' residenti** - Il-laqgħa saret nhar l-Erbgħa 27 t'Awwissu 2025 wara li ntemmet il-laqgħa tal-Kunsill fejn għall-Kunsill kienu preżenti l-membri kollha. Ir-residenti ippreżentaw dokument lil kull membru tal-Kunsill fejn wrew id-diżapprovazzjoni tagħhom għal kif il-Kunsill iddeċieda dwar il-proposta mressqa minn db Group biex jiżviluppa aktar sulari. Saru diversi interventi minn dawk preżenti fejn irrimarkaw li kienu diżappuntata u li ma ridux li quddiem il-Bord tal-PA ikunu rappreżentata minn membri tal-Kunsill. Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit spjega r-raġunijiet għala l-Kunsill wasal biex mhux ser ikun qed joġġezzjona għal dak li qed jiġi propost fl-applikazzjoni konċernata PA 3218/25 kif ukoll għad-diskussjonijiet u l-ftehim li sar mal-istess kumpanija fejn ser isir investiment fil-lokal bħala parti mill-kumpens tagħhom għall-inkonvenjent li ħolqu fil-lokal.
- **Community Police** - Il-laqgħa nżammet nhar it-Tlieta 2 ta' Settembru 2025 fid-9:00am fejn għall-Kunsill kienu preżenti s-Sindku l-Av. Kaylon Zammit, u s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg, filwaqt li għall-Community Police kienu preżenti l-Ispettur Gabriella Gatt, s-Surġent Mintoff, u PC Kendrich. Waqt il-laqgħa l-Kunsill ġie nfurmat li l-Pulizija ser jibdew proċess ta' outreach, biex jersqu aktar viċin in-nies, jintroduċu s-servizzi tagħhom u jifhmu aħjar il-bżonnijiet. Ġew diskussa ukoll problemi li jikkonċernaw il-lokal fosthom biswit l-iskejjel, issa li daqt jiftħu mill-ġdid, abbużi fuq in-Natura2000, infurzar fejn jidħlu abbużi mill-vetturi tal-kostruzzjoni, eċċ.
- **Verdala International School** - Il-laqgħa nżammet nhar it-Tlieta 2 ta' Settembru 2025 fl-10:00am fejn għall-Kunsill kienu preżenti s-Sindku l-Av. Kaylon Zammit, is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg u l-Kunsillier Raymond Lanzon, filwaqt li għall-VIS kienu preżenti Ms. Davina McCharty u Brett Warfield. Il-punti diskussa kienu jirrigwardjaw li jitnaqqas l-inkonvenjent għar-residenti ta' Triq Giorgio Mitrovich u l-

madwar billi jekk huwa possibbli t-tfal iż-żgħar jibdew jinġabru minn Triq Cassino, li l-għalliema u staff jipparkjaw il-vetturi tagħhom fil-Pembroke P&R ħalli jkun hemm postijiet vakanti għall-ġenituri waqt id-dħul u l-ħruġ għat-tfal, li l-vannijiet u coaches ukoll jistennew fil-Pembroke P&R u jiġu l-iskola wara xulxin ħalli ma jkunx hemm ħafna traffiku f'daqqa, u li l-ġenituri ukoll jiġu mħeġġa jagħmlu użu mill-parkeġġ tal-P&R.

- **Laqgħa mal-kuntrattur tal-Knis Galea Cleaning Solutions** - Il-laqgħa nżammet nhar it-Tlieta 16 ta' Settembru 2025 fit-8:00am fejn għall-Kunsill kienu preżenti s-Sindku l-Av. Kaylon Zammit, is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg u l-Kunsillier Raymond Lanzon, filwaqt li għall-GCS kien preżenti s-sur Chris Galea. Waqt il-laqgħa ġew diskussi lmenti li qed jirċievi l-Kunsill kif ukoll dwar kif il-kumpanija ser tara li taderixxi mal-iskeda skond il-kuntratt. Kien hemm qbil li terġa' issir laqgħa xahar wara ħalli jiġi evalwat jekk kienx hemm titjib. Il-kelliem żied li jidher li hemm rieda minnaħa tal-kuntrattur u għalhekk, għalissa, d-default notice maħruġa nkluż il-penali elenkata, ser tkun qed tiġi sospiża.
- **PA 5334/20 - Natura 2000 Site, adjacent to, Triq il-Mediterran, Pembroke, u PA 00475/25 - Pjazza 1902, Triq Dun Gużepp Farrugia, Triq Arnhem, Pembroke** – Nhar it-Tlieta 16 ta' Settembru 2025, il-Kunsill kien preżenti għall-Bordijiet rispettivi tal-PA irrappreżentat mis-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg, liema żewġ applikazzjonijiet ġew rifjutata mill-istess PA
- **Moviment Graffitti - laqgħa ta' informazzjoni dwar il-proġett ta' Villa Rosa** – Nhar il-Ġimgħa 19 ta' Settembru 2025 il-Kunsill attenda għall-laqgħa pubblika organizzata mill-Moviment Graffitti fejn il-Kunsill kien rappreżentat mis-Sindku Kaylon Zammit, il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul, il-Kunsillier Therise Abela u s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg, filwaqt li l-Kunsillier Charles Cerase u l-Kunsillier Raymond Lanzon kienu skużata. Waqt il-laqgħa saret referenza dwar l-impatt tal-proġett kif ukoll li kien hemm applikazzjoni PA 4878/25, li hija biex jiġġeded PA/02478/16. Peress li l-iżvilupp, preżentament, jinsab fil-konfini tal-Kunsill Lokali San Ġiljan, il-Kunsill ma kienx infurmat b'din l-applikazzjoni, li t-terminu ta' rappreżentazzjoni jiskadi nhar it-22 ta' Settembru 2025. Għalhekk kif il-Kunsill ġie a konjiżjoni tal-każ, immedjatament iddaħlet sottomissjoni mill-Kunsill fejn saret referenza għall-oġġezzjoni li kienet saret għal-PA 2478/16 kif ukoll fejn il-Kunsill innotofika li jirriserva dritt li jagħmel aktar osservazzjonijiet tul il-proċess tal-applikazzjoni. Ta' min jinnota li s-sottomissjoni kienet l-ewwel waħda li ddaħlet fuq dan il-każ u sa dak il-ħin ma kien għad hemm ebda oġġeżżjoni oħra.
- **Pembroke Racket Tenis Club** – il-laqgħa saret nhar it-Tnejn 22 ta' Settembru 2025 fejn għall-Kunsill kienu preżenti s-Sindku l-Av. Kaylon Zammit u s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg filwaqt li għal Pembroke Racket Tennis Club kienu preżenti l-President tal-Klabb Ian Wirth, u l-Av. David Farrugia Sacco. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-klabb jixtieq l-appoġġ tal-Kunsill għall-iżvilupp li għalih diġa għandhom il-permessi tal-PA, l'iżda għad m'għandhomx it-titlu fuq l-art minn Sport Malta.

Kien hemm qbil li għandhom jipprovdu lill-Kunsill pjanti aġġornata kif ukoll projections ta' kif ser ikun qed jidher il-proġett kif propost, mit-toroq tal-madwar.

11.05.2 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill **Internal Memo 13/2025** – Rapport mar-residenti ta' Sit B u Triq il-Profs Walter Ganado dwar il-proġett ta' db Group. **(Ara Dok 01)**

11.05.3 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill **Internal Memo 14/2025** – Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 10/K9/25 u 11/K9/25. **(Ara Dok 02)**

11.05.4 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-**Internal Memo 14/2025** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

11.05.5 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

11.05.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11.06 Abbozz ta' Bye-Law dwar Xorb f'Kontenituri tal-Ħġieġ u l-Konsum tal-Alkoħol f'Postijiet Pubbliċi.

**46/7208/25/I** Email mingħand l-ABB Legal fejn bagħtu l-abbozzar ta' Bye-Law dwar xorb f'kontenituri tal-ħġieġ u l-konsum tal-alkoħol f'postijiet pubbliċi.

11.06.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg għamel referenza għal-Kap363 artiklu 35 u għal-abbozz ippreparat mill-Avukati tal-Kunsill u ċċirkolat lill-membri bi proposta ta Bye-Law dwar Xorb f'Kontenituri tal-Ħġieġ u l-Konsum tal-Alkoħol f'Postijiet Pubbliċi. **(Ara Dok 03)**

11.06.2 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona li l-Kunsill jieħu nota tal-kontenut ta' dak propost u jmexxi għall-istadju li jmiss.

11.06.3 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

11.06.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11.07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

11.07.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Ara Dok. 3, 4, 5, 6, 7, 8 u 9)**

11.07.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif irrakkomandat inkluż li l-fattura tal-kumpanija Galea Cleaning Solutions vis-a-vis il-knis tat-toroq urbani li kienet saret referenza għaliha fil-laqgħa preċedenti.

11.07.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

11.07.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11.08 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

11.08.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għalaq il-laqgħa fil-18:50 wara li unanimament kien hemm qbil li l-laqgħa tiġi aġġornata għal nhar l-Erbgħa 29 ta' Ottubru 2025 fil-5:30pm.

**Konfermati, illum 29 ta' Ottubru, 2025**

**IFFIRMAT**

Av. Kaylon Zammit
**Sindku**

**IFFIRMAT**

Kevin Borg M.Sc. (Gov & Mngt)
**Segretarju Eżekuttiv**

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok I

**Internal Memo Referenza 13/2025** **10 ta' Settembru 2025**

# Laqgħa mar-residenti ta' Sit B u Triq il-Profs Walter Ganado dwar il-proġett ta' db Group

Il-laqgħa saret nhar it-Tlieta 9 ta' Settembru 2025 fil-17:00 fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Pembroke, fejn għall-Kunsill kienu preżenti s-Sindku Kaylon Zammit, il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul, il-Kunsillier Therise Abela, il-Kunsillier Charles Cesare, il-Kunsillier Raymond Lanzon, u s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg, filwaqt li kien hemm il-preżenza ta' 17-il membru tal-pubbliku. **(Ara Dok. A)**

**Il-punti li ġew diskussa kienu:**

Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel preżentazzjoni lil dawk preżenti bi kronoloġija tal-proġett ta' db Group u tal-proġetti li ser isiru fil-lokal. Il-kelliem irrimarka li kull leġislatura tal-Kunsill dejjem kienet u għada tal-opinjoni li l-proġett qatt ma kien missu sar fil-post indikat. Il-kelliem ta' rendikont ukoll ta' dak li wasal għalih illum il-Kunsill Lokali nkluż dettalji tal-proġetti li ser jiġu ffinanzjata mill-kuntratt li l-Kunsill għamel ma' db Group. **(Ara Dok. B)** Wara l-kelliem stieden lil dawk preżenti biex iressqu l-kummenti tagħhom.

Is-sur Austin Duca staqsa jekk waqt il-laqgħa humiex ser jissemmew progetti oħra bħal dak ta' Villa Rosa. Talab l'issir skeda ta' laqgħat kull xahar mar-residenti dwar proġetti li ser isiru fil-lokal u l-madwar.

Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit il-Kunsill ser ikun qed jaħdem fuqha biex l-informazzjoni tasal aħjar għand ir-residenti. Dwar il-proġett tal-Villa Rosa, il-kelliem irrimarka li l-Kunsill qabbad konsulent estern fejn għamel is-sottomissjonijiet tiegħu dwar il-pjan lokali għaż-żona.

Ms. Christine Pace staqsiet jekk il-Kunsill għadu ma ħax pożizzjoni dwar il-proġett ta' Villa Rosa, għala l-Kunsill m'attendiex għal protesta organizzata minn Garffitti. Staqsiet ukoll għala l-proġetti proposti mill-Kunsill ma sarux f'żoni fejn diġa huma żviluppata, għala l-Kunsill jiddejjaq jittallab lill-entitajiet, u allura mar jittallab għand db Group, u għalhekk spiċċa b'obbligazzjoni. Il-kelliema xtaqet tkun taf ukoll għala l-Kunsill mar kontra r-residenti meta sta għal PA li japprova l-applikazzjoni jew le. Is-sinjura żiedet ukoll li hija tippretendi li l-Kunsill kellu javviċina lir-residenti qabel ittieħdet id-deċiżjoni.

Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit irrimarka li l-PA ma tiddeċidiex fuq sentimenti tan-nies imma abbażi ta' policy. Il-kelliem żied, li l-Kunsill ra x'qed jiġi propost, wiżen dak propost, u wara l-Kunsill għażel li jara x'jista' iġib għall-lokal, ladarba jidher li dak

propost huwa fil-limiti tal-policies tal-PA. Dwar postijiet oħra fil-lokal li qed jissemmew bħala siti alternattivi ta' fejn jistgħu isiru l-proġetti proposta mill-Kunsill, dwar l-Australia Hall din hija privata u hemm applikazzjoni pendenti quddiem il-PA, dwar sit għall-berġa u sit għall-anzjani kif mitlub mill-AACC, ġew esplorata postijiet alternattivi nkluż il-Knisja fejn kien hemm rifjut għal raġunijiet varji (fejn il-Knisja għandha kull dritt tħares l-interessi finanzjarja tagħha), fosthom il-Kappillan preċedenti kellu talba mill-Ministeru tas-Saħħa fejn kien hemm ukoll rifjut (u llum ser tinfetaħ skola tal-Franċiż fl-istess post), tal-MUSEUM hija propjeta' privata u s-sidien ma jidhirx li huma lesti li jikkonċedu partijiet minnha. Il-kelliem irrimarka li fid-dawl ta' dan kollu, il-Kunsill ma jistax jibqa jistenna li xi ħadd jaċċetta li jipprovdi post. Dwar il-proġett tal-Villa Rosa, il-kelliem żied li l-Kunsill diġa kien għamel is-sottomissjoni tiegħu lill-PA dwar l-emendi għall-Pjan Lokali, u s'issa ma hemm ebda proġett formalment propost lill-PA li l-Kunsill jista' joġġezzjona kontra tiegħu.

Is-sur Jeffery Portelli lmenta li fuq il-proġett tad-db Group, il-Kunsill ma oggezzjonax.

Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit irrimarka li fil-passat il-Kunsill kien oġġezzjona, iżda fuq l-aħħar applikazzjoni, reġa rrefera għall-elenku ta' ġrajjiet u ċirkostanzi li wassal biex il-Kunsill ħa din id-deċiżjoni.

Is-sur Jason Camilleri rrimarka li għall-Kunsill, ir-residenti huma numri biss.

Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit wieġeb li filwaqt li fl-applikazzjonijiet preċedenti kien hemm numru kbir t'oġġezzjonijiet, dwar l-aħħar applikazzjoni, kull ma kien hemm huma ftit oġġezzjonijiet li minnhom, għexieren biss huma residenti. Punt li l-Kunsill ikkunsidrah ukoll meta ddeċieda li ma jdaħħalx oġġezzjoni għal dak li qed jiġi propost.

Is-sur Jonathan Grech irrimarka li l-progett kif kien kienu pinġewh dawk li bdew imexxu il-kritika mal-pubbliku, kien jiġi riferut bħala l-binja tal-ITS biss mhux inkluz il-parkeġġ ukoll. Il-kelliem żied li hemm bżonn t'aktar preżenza t'awtoritajiet biex jittieħdu passi kontra min jabbuża, speċjalment kuntratturi u l-inġenji li jkunu ġejjien u sejrin lejn is-sit tal-kostruzzjoni.

Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit wieġeb li l-Kunsill qed jirraporta kontinwament meta jara jew jirċievi lmenti dwar xi nuqqasijiet.

Is-sur Austin Duca rrakkomanda li jkun hemm reference point tal-ilmenti li qed ikun hemm, u għalhekk ikun hemm persuna ddedikata għal dan il-għan.

Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit wieġeb li l-Kunsill huwa limitat fir-riżorsi li jista' jiddedika speċifikament għall-proġett wieħed. Żied li kull ilment jiġi reġistrat u fejn ikun possibbli titieħed azzjoni immedjata. Dwar l-infurzar il-kelliem żied li l-Kunsill ma jistax jinforza l-liġi, iżda irid mingħand entitajiet oħra.

Ms. Josephine Attard talbet li l-iżviluppatur għandu jikkunsidra li jgħatihom kumpens finanzjarju għall-inkonvenjent u l-istorbju li sofrew inkluż it-trabijiet li qed jikkawża l-proġett.

Is-sur Austin Duca rrimarka li qed ikun hemm ħafna trabijiet u għandhom bżonn jiġu mitigata, inkluż li trakkijiet qed jgħaddu minn kullimkien.

Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit irrimarka li t-trakkijiet għaddew minn toroq oħra minħabba xogħlijiet oħra fit-toroq minn fejn kellhom jgħaddu t-trakkijiet, fosthom Triq il-Profs Walter Ganado li għamet żmien one way u żmien ieħor kienet magħluqa għat-traffiku.

Is-sur Shaun Mc Charty staqsa kif ir-residenti ser jibbenifikaw mill-car park li qed jiproġetta l-Kunsill.

Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit irrimarka li l-parkeġġ ser ikun riservat għar-residenti reġistrata taż-żona biss, imma kif ser jiġi mmaniġjat u ffinanzjat għadu kmieni kif ser isir, dan minħabba li għad irid jiġi deċiż li jekk ikun hemm ħlas, dan ser ikun biex ikopri l-ispejjeż biss.

Is-sur Mark Schembri lmenta li l-parking propost ser ikun aktar il-bogħod minn fejn kien quddiem l-ITS. Il-kelliem staqsa wkoll dwar jekk t-tlett miljuni li negozja l-Kunsill, humiex relattivi mal-flus li ser jaqla ms-sulari żejda li ser jagħmel il-kuntrattur.

Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit wieġeb li l-iżviluppatur ma kellu ebda obbligu, u li l-Kunsill, fiċ-ċirkostanzi, għamel l-aħjar negozjati li seta.

Ms. Christine Pace rrimarkat li l-iżviluppatur għandu obbligu jagħti xi ħaġa lill-lokal.

Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit wieġeb li l-iżviluppatur skond il-liġi huwa obbligat li jħallas dwak li jissejħu DPF skond kif ikun mitlub mill-PA. Dan sar, u jekk jinħareġ il-permess il-ġdid, jaf ikun hemm ukoll xi DPF. It-tlett miljuni fi proġetti li qed issir referenza għalihom, huma b'żieda mad-DPF.

Ms. Marion Cachia rrimarkat li l-Kunsill innegozja għax huwa żgur li ser jinħareġ il-permess. Il-kelliema staqsiet jekk il-Kunsill jistax jagħmel ftehim li qatt ma jogħla aktar il-bini minn dak li qed jiġi propost. Staqsiet ukoll jekk l-iżviluppatur jistax jara li jnaddaf il-planters ta' quddiem il-blokk minħabba li l-ħaddiema tal-proġett qed iħammġu kullimkien.

Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit irrimarka li skond l-FAR u l-policies preżenti, hemm probabilita' li jinħareġ il-permess, filwaqt li żied li l-Kunsill ma jistax jinnegozja xi ħaġa li preżentament hija permessibbli.

Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit informa lil dawk preżenti li l-Kunsill qed jinnegozja mal-Awtorita' tad-Djar biex isir upgrading tal-hard landscaping li hemm tul Triq Pietru Rossel. Il-kelliem stieden lil dawk preżenti wkoll sabiex jekk hemm min sofra xi ħsarat strutturali, jinformaw lill-Kunsill, ħalli l-ilmenti jitwasslu lill-iżviluppatur.

Is-sur Mark Schembri talab l'issir mera n-naħa ta' Sit A5 – A11, li tiġi faċċata tar-rampa mal-garaxxijiet ta' taħt Sit B, dan sabiex ikunu jistgħu jaraw lil min ikun ġej minnaħa tal-Padel.

Is-sur Jeffrey Portelli staqsa x'ser jiġri dwar il-bandli.

Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit wieġeb li l-bandli jieħdu ħsiebu l-MTA, imma Pembroke Athleta FC qed jgħidu li ż-żona hija tagħhom, għalkemm kienu għamlu ftehim ma' dak iż-żmien l-ex Ministru F. Zammit Dimech, biex jirrinunzjaw parti mill-art fejn hemm il-parkeġġ u l-bandli, u l-Gvern kien iffinanzja l-5-a-side grounds, kellu jingħalaq fuq talba tal-Kunsill minħabba l-periklu li kien hemm.

Is-sur Emmanuel Attard ilmenta li l-bankijiet li saru fi Ġnien San David huma ħżiena għax mingħajr dahar, u l-passaġġ sar biż-żrar. Il-kelliem ilmenta wkoll li l-latrina li hemm fil-Ġnien 4 ta' Lulju hija maħmuġa, l'ilu jitlob snin biex fil-bidu ta' Triq Pietro Rossell jitpoġġew bankijiet biex ikun hemm fejn ipoġġu t-tfal li jkunu qed jistennew it-trasport tal-iskola, kif ukoll li għandha titneħħa l-crash barrier minn fuq il-bankina peress li hija ta' periklu għat-tfal.

Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit irrimarka li l-latrini qed jiġu rinovata, fejn dik ta' ħdejn il-Maypole instab li ġej id-dranaġġ mill-ħajt, u dik tal-4 ta' Lulju ser jibda x-xogħol fuqha fil-ġimgħat li ġejja. Dwar il-bankijiet ta' Ġnien San David, il-kelliem irrimarka li kien hemm bosta lmenti biex ikunu tali li ma jistgħux jintużw minn persuni wara li jitilgħu minn Paceville. Dwar il-bankijiet fi Triq Pietru Rossell, li kien irrimarka li fil-passat kien hemm bankijiet fil-madwar li kienu tneħħew minħabba lmenti tar-residenti stess.

Is-sur Jason Camilleri talab li l-Kunsill iressaq talba biex jinbidel il-ħin tar-rotot 14 u 120 u possibilment jibqgħu jibdew fil-5:30am.

Il-laqgħa għalqet fis-18:55.

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Kaylon Zammit sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

Kunsill Lokali **Pembroke**

# *Ninvestu fil-komunità ta'* **Pembroke**




Dok 3

Kunsill Lokali **Pembroke**

*parkeġġ għar-*

# Residenti




*parkeġġ taħt l-art għar-residenti li joqgħodu fl-inħawi ta' Triq Pietru D'Armenia*

***Parti minn proġett għall-komunita' li ser jitwettaq mill-Kunsill Lokali ta' Pembroke***


2,008.86 m²


Kunsill Lokali **Pembroke**

# spazju **Miftuħ** ġdid

*art ta' 2000m2 ser*
*tinbidel fi ġnien*
*pubbliku fuq il-parkeġġ*
*taħt l-art fi triq Pietru*
*D'Armenia*



***Parti minn proġett għall-komunita' li ser jitwettaq mill-Kunsill Lokali ta' Pembroke***


already approved by the Council for an o
504.85 m²
2,008.86 m²






# Ċentru Kommunitarju

Kunsill Lokali **Pembroke**

Kunsill Lokali **Pembroke**

# ċentru għall-**Anzjani**



*fejn l-anzjani tagħna jista' jkollhom attivitajjiet għalihom*

***Parti minn proġett għall-komunita' li ser jitwettaq mill-Kunsill Lokali ta' Pembroke***

Kunsill Lokali **Pembroke**

# spazju għall-**Berġa** fil-komunità



*bil-għan li ntejbu s-servizzi tas-saħħa offruta fil-lokalità*

***Parti minn proġett għall-komunita' li ser jitwettaq mill-Kunsill Lokali ta' Pembroke***

Kunsill Lokali **Pembroke**

# *spazju għal*
# ChildCare
## centre



*faċilità għall-ġenituri li ser tkompli ssaħħaħ l-element ta' komunità f'Pembroke*

***Parti minn proġett għall-komunita' li ser jitwettaq mill-Kunsill Lokali ta' Pembroke***

Kunsill Lokali **Pembroke**

# Librerija

## ġdida u akbar



*mifruxa fuq 250m² u attrezzata b'kotba għall-komunità tagħna.*

***Parti minn proġett ħollistiku li ser jitwettaq mill-Kunsill Lokali ta' Pembroke***

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 2

**Internal Memo Referenza 14/2025** **23 ta' Settembru 2025**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 10/K9/25 u 11/K9/25

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 169 | 2025 | Mica Med Ltd | Tlabna jirrenga lampa W071 fi Triq Gio Felice Inglott quddiem Dar 44. |
| 170 | 2025 | Mica Med Ltd | Tlabna jinqata' l-provvista tad-dawl tal-arbli li hemm faccata tal-BIS ta' Triq il-Mediterran. |
| 173 | 2025 | Mica Med Ltd | Talbna sabiex tigi rrangata lampa Y123 fi Triq il-Mediterran faccata ta' Triq Dun Amabile Sisner. |
| 175 | 2025 | B.Grima & Sons | Tlabna ssir mera fejn l-arkatita' sit A5-A11 li tigi faccata tar-rampa |
| 176 | 2025 | Maltapost | Tqassim ta' flyer attivita' sportiva fil-lokal 05/10/25 |
| 177 a | 2025 | Bonnici Press | Printing ta' 1,200 flyer attivita' sportiva fil-lokal 05/10/25. |
| 177 b | 2025 | Bonici Press | Reprint ta' 1,200 flyer attivita' sportiva fil-lokal 05/10/25. |
| 178 | 2025 | Mica Med Ltd | Tlabna jigu rranġata z-zewg lampi tal-pole D013 u lampa wahda tal-ole D012 fi Triq Burma. |
| 179 | 2025 | Dieter Falzon | Tlabna issir oggezzjoni ghall-applikazzjoni PA05977/25 billboard fi Triq Sant'Andrija. |
| 180 | 2025 | Dieter Falzon | Tlabna jitlob lil PA jinvestiga billboard li kien sar permezz ta' PA03927/17 fi Triq Sant'Andrija. |
| 181 | 2025 | Dieter Falzon | Tlabna jivverifika l-kwotazzjoni tal-J&K Contractors ghal xoghol fuq bankini f'diversi toroq fejn ser isir dawl gdid. |
| 182 | 2025 | B.Grima & Sons | Tlabna jitneħħew it-tabelli tal-caravan off Triq il-Mediterran. |
| 183 | 2025 | J&K Contractors | Tlabna jigi rrangat ir-retaining wall fi Triq Patri Pelaġju Mifsud. |
| 185 | 2025 | Camilleri Joseph | Risk assessment report għall-attivita' sportiva li ser issir fil-5 ta' Ottubru 2025 |
| 186 | 2025 | Camilleri Joseph | Risk assessment report għall-attivita' tal-Halloween li ser issir fil-31 ta' Ottubru 2025. |
| 187 | 2025 | B.Grima & Sons | Tlabna sabiex tinżebagħ il-kurduna tal-bankina blu fejn hemm it-tabella tal-persuni bi bżonnijiet speċjali fi Triq |

PEMBROKE

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | Pietru D'Armenia u dan minħabba li x-xogħol ta' tarmak għadu mhux lest. |
| 188 | 2025 | B.Grima & Sons | Tlabna sabiex ssir mera fi Triq Patri A. Tonna Barthet kantuniera ma' Triq Mons Mifsud Tommasi. |
| 189 | 2025 | Mica Med | Tlabna sabiex tiġi rrangata lampa W134 fi Triq Martin Luther King li tinsab mal-warehouse tal-BMX man-naħa tax-xellug. |
| 190 | 2025 | Mica Med | Tlabna sabiex idawwar il-lampa Y123 l'isfel li tinsab fi Triq il-Mediterran sabiex ma tiġix f'għajn in-nies. |
| 191 | 2025 | Dieter Falzon | Tlabna sabiex issir oġġezzjoni għall-applikazzjoni PA 05856/25 18-28, Triq Gio. Felice Inglott, Pembroke u dan minħabba nuqqas drastiku ta' parkeġġi |

Kevin Borg M.Sc. (Gov & Mngt)
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Av. Kaylon Zammit sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

Dok 3

**Pembroke Local Council at Pembroke Local Council**

| | |
|---|---|
| **From:** | Bryony Bartolo <bryony@abb-legal.com> |
| **Sent:** | Wednesday, 10 September 2025 15:00 |
| **To:** | Pembroke Local Council at Pembroke Local Council |
| **Cc:** | Desiree Attard |
| **Subject:** | Re: Abbozzar ta' Bye-Law dwar xorb f'kontenituri tal-ħġieġ u l-konsum tal-alkoħol f'postijiet pubbliċi |
| **Attachments:** | Bye-Law Beverages in glass container Pembroke.docx; Bye-Law Xorb f'Kontenituri tal-Ħġieġ u l-Konsum tal-Alkoħol f'Postijiet Pubbliċi (Kunsill Lokali Pembroke MT.docx |
| **Categories:** | To reply, Council meeting |

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Ghaziz Kevin,

Anness ghandek il-bye-laws verzjoni bl-Ingliz u l-Malti. Ibbazajthom fuq tal-Marsa kif mitlub. Nitlobkom tikkonfermaw hekk dak li hemm huwiex bizzejjed ghall-bzonnijiet tal-Kunsill Lokali taghkom.

F'kaz li tehtieg xi kjarifika/emenda kellimni.

Grazzi u tislijiet,

Bryony

**Av. Bryony Balzia Bartolo**
LL.B., LL.D (Melit), Cert.Tax, CIPP/E, CIPM

Mob: 79662734
email: bryony@abb-legal.com

**Confidentiality Notice:** The information contained in this e-mail message, including any attachments thereto, is strictly confidential, and may also be legally privileged. It is intended solely for the attention and use of the intended recipient. If you are not the intended recipient, kindly notify us immediately by return email, and delete all copies of this email from your system. You should not use, disclose, copy, distribute or retain this message or any part of it.

On Tue, 9 Sept 2025 at 16:27, Bryony Bartolo <bryony@abb-legal.com> wrote:

> ok f'idejna,
>
> Tislijiet,
>
> Bryony
>
> **Av. Bryony Balzia Bartolo**
> LL.B., LL.D (Melit), Cert.Tax, CIPP/E, CIPM
>
> Mob: 79662734

email: bryony@abb-legal.com

**Confidentiality Notice:** The information contained in this e-mail message, including any attachments thereto, is strictly confidential, and may also be legally privileged. It is intended solely for the attention and use of the intended recipient. If you are not the intended recipient, kindly notify us immediately by return email, and delete all copies of this email from your system. You should not use, disclose, copy, distribute or retain this message or any part of it.

On Tue, 9 Sept 2025 at 12:42, Pembroke Local Council at Pembroke Local Council <pembroke.lc@gov.mt> wrote:

**Rif Tagħna** : **46/7059/25/O/167F**

**Rif Tiegħek** :

**Rif Interna** : **Minuti 10/K9/2025 - 10.06.1**

**Dottoressi,**

Permezz ta' din l-email, f'isem il-Kunsill Lokali Pembroke ġentilment qed nitolbu li jsir l-abbozzar ta' Bye-Law dwar xorb f'kontenituri tal-ħġieġ u l-konsum tal-alkoħol f'postijiet pubbliċi.

Annessa qed nehmeż sample tal-Kunsill Lokali Marsa.

Għaldaqstant filwaqt li nirringrazzjakom tal-koperazzjoni ġentili tagħkom.

Tislijiet,

Kevin Borg M.Sc. (Gov & Mngt)
Executive Secretary
Pembroke Local Council
Eastern Regional Council

t +356 21372111 e kevin.a.borg@gov.mt
www.gov.mt | www.publicservice.gov.mt | fb.com/servizzpubbliku

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

LOCAL COUNCIL
3, TRIQ ALAMEIN, PEMBROKE, MAL

L.C.B.L. -----

# LOCAL COUNCILS ACT
# (KAP. 363)

## Beverages in Glass Containers and Consumption of Alcohol in Public Places (Pembroke Local Council) Bye-Laws, 2025

IN EXERCISE of the powers conferred by Sections 34, 35(8) and 60 of the Local Councils Act, the Pembroke Local Council has made the following Bye-Laws:

Title.

**1.** The title of these Bye-Laws is the Beverages in GlassContainers and Consumption of Alcohol in Public Places (Pembroke Local Council) Bye-Laws, 2025.

**1.1** These Bye-Laws shall come into force upon their publication in the Gazette as approved and agreed between the Council and the Minister for Justice, Culture, and Local Government.

Interpretation.

**2.** In these Bye-Laws, unless the context otherwise requires:

"the Act" means the Local Councils Act;

"bin" means any recipient that may be closed by means of a lid, supplied by or under the authority of the Council and placed in a public place within the Pembroke locality boundary, for the deposit of refuse;

"Council" means the Pembroke Local Council;

"designated areas" means those areas designated by the competent authorities for the placement of tables and chairs exclusively for the consumption of food and beverages;

"glass container" includes glass bottles, glasses, and, or any other glass container intended for the serving of any beverages;

"locality" means the locality of Pembroke as delineated in the Act;

"public place" means the streets, squares, belvederes, open spaces and gardens within the Pembroke locality;

Prohibition of loitering with glass containers.

**3.** No person is permitted to loiter in any public place holding r having on his person any glass container.

Prohibition of carrying of alcohol.

**4.** No person is permitted to carry alcohol in public places other than in a sealed unopened container.

Prohibition of consumption of alcohol.

**5.** No person is permitted to consume alcohol in the streets or public places other than in the designated areas.

Commercial establishments.

**6.** Any commercial establishment situated within any street or public place selling beverages, shall:
(a) affix a notice in Maltese and in English as shown in the Schedule, which notice shall be placed in a conspicuous place and be easily legible by the patrons of such commercial establishment;
(b) provide a container that is made from a material other than glass, if that drink is intended to be consumed in a public place;
(c) ascertain the regular cleaning of the area within five meters of the commercial establishment and collection of glass containers together with collection of refuse from bins in the same distance.

Penalties.

7. Any person who is in breach of any of the provisions of these Bye-Laws shall, on conviction, be liable to a fine (ammenda) of seventy euro (€70) for such contravention, and to a further fine (ammenda) of ten euro (€10) for every day during which any of the provisions of these Bye-Laws is breached.

SCHEDULE (*Bye-Law* 6(a))

IL-KONSUM FIT-TOROQ, PJAZZEZ U ĠONNA PUBBLIĊI, TA' KULL TIP TA' XORB F'KONTENITURI TAL-ĦĠIEĠ HU PPROJBIT BIL-LIĠI.

IL-ĠARR TA' KULL TIP TA' XORB FIT-TOROQ, PJAZZEZ U ĠONNA PUBBLIĊI JEKK MHUX F'KONTENITURI SSIĠILLATI U MHUX MIFTUĦIN HU PPROJBIT BIL-LIĠI.

*Bye-Laws* dwar Xorb f'Kontenituri tal-Ħġieġ u l-Konsum tal-Alkoħol f'Postijiet Pubbliċi (Kunsill Lokali Pembroke)

---

THE CONSUMPTION OF BEVERAGES AND ALCOHOL IN GLASS CONTAINERS IN STREETS, SQUARES AND PUBLIC GARDENS, IS PROHIBITED BY LAW.

THE CARRYING OF ALCOHOL OR BEVERAGES IN THE STREETS, SQUARES AND PUBLIC GARDENS OTHER THAN IN SEALED UNOPENED CONTAINERS IS PROHIBITED BY LAW.

Beverages in Glass Containers in Public Places (Pembroke Local Council) Bye-Laws

K.L.B.L. -----

**ATT DWAR KUNSILLI LOKALI**
**(KAP. 363)**

***Bye-Laws* tal-2025 dwar Xorb f'Kontenituri tal-Ħġieġ u l-Konsum tal-Alkoħol f'Postijiet Pubbliċi (Kunsill Lokali Pembroke)**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 34, 35(8) u 60 tal-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali Pembroke għamel il-*Bye-Laws* li ġejjin:

Titolu.
**1.** It-titolu ta' dawn il-*Bye-Laws* hu *Bye-Laws* tal-2025 dwar Xorb f'Kontenituri tal-Ħġieġ u l-Konsum tal-Alkoħol f'Postijiet Pubbliċi (Kunsill Lokali Pembroke).

**1.1** Dawn il-*Bye-Laws* għandhom jidħlu fis-seħħ mal-publikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta, kif approvat u maqbul bejn il-Kunsill u l-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali.

Tifsir.
**2.** F'dawn il-*Bye-Laws*, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"arei msemmija" tfisser dawk l-arei msemmija minn awtoritajiet kompetenti għat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet sabiex jiġi kkunsmat ikel u xorb;

"l-Att" tfisser l-Att dwar Kunsilli Lokali;

"bin" tfisser reċipjent li jingħalaq b' għatu għar-rimi ta' skart provdut mill-Kunsill jew taħt l-awtorità tiegħu u mqiegħed f'post pubbliku fil-konfini tal-lokalità ta' Pembroke;

"kontenitur tal-ħġieġ" tinkludi kull forma ta' flixkun, tazza, u,jew xi kontenitur tal-ħġieġ ta' kwalunkwe daqs u forma li l-għan tiegħu huwa li jinżamm xorb jew jiġi servut xorb;

"il-Kunsill" tfisser il-Kunsill Lokali ta' Pembroke;

"lokalità" tfisser il-lokalità ta' Pembroke;

"post pubbliku" tfisser it-toroq u ż-żoni pubbliċi kollha, inklużi l-bankini, pjazzez u ġonna pubbliċi, fil-konfini kollha ta' Pembroke;

Projbizzjoni ta' tlajjar b'kontenituri tal-ħġieġ

**3.** Ebda persuna ma tista' titlajja f'xi post pubbliku filwaqt lijkollha f'idha jew fuq il-persuna tagħha xi kontenitur tal-ħġieġ.

Proojbizzjoni ta' ġarr ta' alkoħol f'postijiet pubbliċi.

**4.** Ebda persuna ma tista` iġġorr xorb alkoħoliku f'post pubbliku jekk mhux f'kontenitur issiġillat u li ma jkunx miftuħ.

Projbizzjoni ta' konsum ta' xorb alkoħoliku f'postijiet pubbliċi.

**5.**Ebda persuna ma tista` tikkonsma xorb alkoħoliku jew xorb ieħor f'kontenitur tal-ħġieġ f'postijiet pubbliċi ħlief fl-arei msemmija.

Avviż u provdiment ta' kontenituri.

**6.**Kull stabbiliment kummerċjali li jkun jinsab fil-lokalità u li jbiegħ ix-xorb għandu:

(a)iwaħħal avviż bil-Malti u bl-Ingliż kif muri fl-Iskeda, u dak l-avviż għandu jintwera f'post fejn ikun jidher sew u jinqara faċilment mill-klijenti tal-istess stabbiliment kummerċjali;

(b)jipprovdi kontenituri magħmulin minn materjal li ma jkunx ħġieġ jekk dak ix-xorb ikun intenzjonat sabiex jiġikkunsmat f'xi post pubbliku; u

(ċ)jaċċerta li jsir tindif taż-żona sa ħames metri 'l bogħod mill-istabbiliment kummerċjali u ġbir tal-kontenituri tal-ħġieg kif ukoll ġbir ta' skart mill-bins li jkunu fl-istess distanza b'mod regolari.

Pieni.

7.Kull persuna li tikser xi dispożizzjoni ta' dawn il-*Bye-Laws* teħel, meta tinstab ħatja, ammenda ta' sebgħin euro (€70.00) għal dik il-kontravvenzjoni, kif ukoll ammenda oħra ta' għaxar euro (€10.00) għal kull jum li fih tkun kisret xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dawn il-*Bye-Laws*.

SKEDA

(Bye-Law 6(a))

IL-KONSUM FIT-TOROQ, PJAZZEZ U ĠONNA PUBBLIĊI, TA' KULL TIP TA' XORB F'KONTENITURI TAL-ĦĠIEĠ HU PPROJBIT BIL-LIĠI.

IL-ĠARR TA' KULL TIP TA' XORB FIT-TOROQ, PJAZZEZ U ĠONNA PUBBLIĊI JEKK MHUX F'KONTENITURI SSIĠILLATI U MHUX MIFTUĦIN HU PPROJBIT BIL-LIĠI.

*Bye-Laws* dwar Xorb f'Kontenituri tal-Ħġieġ u l-Konsum tal-Alkoħol f'Postijiet Pubbliċi (Kunsill Lokali Pembroke)

---

THE CONSUMPTION OF BEVERAGES AND ALCOHOL IN GLASS CONTAINERS IN STREETS, SQUARES AND PUBLIC GARDENS, IS PROHIBITED BY LAW.

THE CARRYING OF ALCOHOL OR BEVERAGES IN THE STREETS, SQUARES AND PUBLIC GARDENS OTHER THAN IN SEALED UNOPENED CONTAINERS IS PROHIBITED BY LAW.

Beverages in Glass Containers in Public Places (Pembroke Local Council) Bye-Laws